TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 319/12/B

**Emanuela Cutajar**

**vs**

**Mirage Holdings Ltd.**

Illum 17 ta' April 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-10 ta' Dicembru, 2012 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' erbgha mija u sebghin Ewro (€470), rapprezentanti l-prezz li hallset lis-socjeta' ntimata ghal fridge, liema fridge kienet difettuza.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet xtrat fridge minghand is-socjeta' ntimata u wara tlettax-il xahar inqalalha l-hsara. Erbgha xhur wara li t-teknici tas-socjeta' ntimata sewwewha, il-fridge regghat bl-istess problema fis-sistema tal-gas taghha.

Ir-rikorrenti kienet marret tkellem lis-socjeta' ntimata fejn talbet li tinghata fridge ohra jew li tinghata garanzija fuq il-gas li kienet ser issewwilha, minhabba li l-garanzija kienet waslet biex tiskadi, izda s-socjeta' ntimata ma accettatx.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Fis-7 ta' Frar 2012, giet mitluba sabiex tassisti ghal hsara fuq fridge ta' ditta 'Indesit' ghand ir-rikorrenti. Meta t-tekniku tas-socjeta' ntimata mar ghand ir-rikorrenti, sab li l-'condenser' kien qieghed imiss mal-hajt, kawza ta' hekk, l-istess 'condenser' kien imsaddad u mtaqqab u hareg il-likwidu tal-gas. It-tekniku kien informa lir-rikorrenti x'wassal ghall-hsarat u spjegalha biex tiehu hsieb u li ma tergax taghmel il-fridge tmiss mal-hajt, ghaliex inkella ser terga' tiffaccja l-istess problema il-quddiem. Ghalkemm il-hsara li giet innutata u saret, giet kollha ikkawzata minn traskuragni, is-socjeta' ntimata ddecidiet li tissewwa il-hsara li kien hemm minghajr ebda hlas, u hekk sar.

Fis-6 ta' Awissu 2012, is-socjeta' ntimata regghat giet mitluba sabiex tmur tassisti lir-rikorrenti fuq l-istess fridge. Sabet li kellha l-istess hsara li garbet ftit ta' xhur ilu, u t-tekniku qal lir-rikorrenti li l-fridge regghat garbet l-istess hsara li kellha ftit tax-xhur ilu, kif ukoll, it-tekniku kien innota mal-hajt li kien hemm marka ta' l-istess 'condenser'. Is-socjeta' ntimata regghat qalet lir-rikorrenti li kellha tiehu l-fridge lura ghandha ghat-tiswija. Fit-8 ta' Awissu, is-socjeta' ntimata cemplet lir-rikorrenti, fejn avzatha li l-hsarat li garbet il-fridge ser ikollha thallas ghall-ispejjez kollha, u dan ghaliex gie kollu kkawzat kif gie spjegat.

Fl-10 ta' Awissu, erbat ijiem biss wara li t-tekniku mar ghand ir-rikorrenti, ir-rikorrenti giet titlob li tinghata fridge ohra u mhux li tissewwa l-fridge taghha, ghaliex il-fridge hija difettuza, li mhux ser taccetta li jsiru tiswijiet fuqha u li wisq inqas li kienet ser thallas ghall-hsarat. F'dan l-istadju, Peter Abela, li kien qed jakkompanja lir-rikorrenti, qal lis-socjeta' ntimata biex ma taghmel l-ebda tiswijiet sakemm jerga' jkellimha hu stess. Minn dakinhar 'il quddiem, is-socjeta' ntimata ma semghat xejn iktar mir-rikorrenti, tiswijiet ma sarux u l-fridge ghadha fil-workshop taghha.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja tar-ricevuta mahruga mis-socjeta' ntimata ghall-ammont ta' erbgha mija u sebghin Ewro (€470.00), li giet immarkata bhala Dok.EC1.

Xehed Peter Abela, imressaq mir-rikorrenti.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet tliet ritratti, li gew immarkati bhala Dok.ML1, Dok.ML2 u Dok.ML4; flimkien ma' kopja ta' dikjarazzjoni ghan-nom tar-rikorrenti u ffirmata minn Peter Abela, sabiex ma jsir l-ebda xoghol fuq l-imsemmija fridge, li giet immarkata bhala Dok.ML3.

Xehed David Borg, imressaq mis-socjeta' ntimata, fejn fix-xhieda guramentata tieghu huwa stqarr illi l-fridge sabuha tmiss mal-hajt u ghalhekk hareg il-gas minhabba l-corrosion u l-umdita'.

It-Tribunal josserva wkoll illi r-rikorrenti rrifjutat, hekk kif issuggerixxa dan it-Tribunal, illi jigi appuntat espert tekniku, u rrifjutat ukoll illi jinghata differiment fil-qasir sabiex isiru x-xogholijiet ta' tiswija fuq il-fridge in kwistjoni u, wara li tiehu hsieb li ssegwi l-istruzzjonijiet tas-socjeta' ntimata fuq l-istess fridge, tara kif tmur.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jikkonkludi, hekk skond il-provi, illi l-unika prova sodisfacenti li ngabet kienet rigwardanti l-kagun tal-hsarat li ghandha l-fridge, u ma ngabet l-ebda prova rigwardanti l-fatt li l-fridge in kwistjoni hija difettuza. Is-socjeta' ntimata ma naqqset bl-ebda mod fis-servizzi taghha lejn ir-rikorrenti konsumatur, u ghalhekk, u ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrenti, u jordna lir-rikorrenti taccetta u tiehu lura l-fridge in kwistjoni, li ghandha tigi kkonsenjata lilha mis-socjeta' ntimata, u jekk r-rikorrenti ghandha fil-pussess taghha xi 'loan fridge', propjeta' tas-socjeta' ntimata, din ghandha tigi rritornata lis-socjeta' ntimata meta ssir l-imsemmija konsenja, bl-ispejjez tal-kawza kontra r-rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**